# IL-BIGILLA

Sa Maris Sant
Skola St Monica, Il-Gżira













# TAL-BIGILLA - JOE FRIGGIERI

Kien jiġi tal-bigilla
bil-karru u l-fanal
u jieqaf fit-triq tagħna
meta konn'għadna tfal.

Jistenna n-nies tinġabar
mit-talb ta' filgħaxija
u jimla l-qratas dojoq
bl-imgħarfa mil-lenbija.

It-tfal joħorġu jiġru
mid-djar u l-isqaqien,
jimlew it-triq b'leħinhom
u jgħajtu "L-ewwel jien!"

Imbagħad in-nies li nġabret
tmur lura bħalma ġiet,
ir-raġel jgħib fid-dalma
u jerġa' jaqa' s-skiet.

Mank jerġa' lura darba
bil-karru u l-fanal
u jieqaf fit-triq tagħna
bħal meta konna tfal!

# TAL-BIGILLA

## JOE FRIGGIERI

**<u>Kelmtejn dwar il-poeżija</u>**

Din hija poeżija miktuba b'għan folkloristiku. Il-poeta Joe Friġġieri jrid jgħallimna fuq aspett wieħed tal-folklor kulinarju (tal-ikel) Malti: **<u>il-bigilla</u>**. Din hija ikel popolari li kienet tittiekel nhar ta' Ġimgħa u fil-jiem tas-sawm. Hija magħmula mill-ful niexef, ħwawar, żejt, ħall, tewm, tursin u l-bżar aħmar jew felfel.

Fi żmien in-nanniet tagħna, kien ikun hemm nies armati bil-karrettun sabiex ibigħu l-bigilla. Kienu jduru mat-toroq Maltin jgħajtu biex in-nies tismagħhom u toħroġ tixtri. Il-bigilla kien iħobbha kulħadd, speċjalment it-tfal li hekk kif kienu jisimgħuh jgħajjat, kienu joħorġu jiġru biex ikunu minn tal-ewwel biex jixtru. Tal-bigilla kien iqassam il-bigilla ġo qratas, magħmula minn karta rqiqa mgeżwra f'forma ta' lenbut, dejjaq minn isfel u wiesa' minn fuq. Dak iż-żmien ma kinux jużaw l-ewro iżda s-soldi u x-xelini u b'sold wieħed kienu jixtru ftit bigilla mhux ħażin.

Il-bigilla tista' tittiekel weħidha jew mal-galletti. Tista' tiġi midluka fuq xi biċċa ħobż tal-Malti jew ftira wara li jkunu ġew midluka bil-kunserva u mbagħad titfa' xi ftit żejt taż-żebbuġa. Insomma tista' tittiekel b'ħafna modi, skont il-fantasija kulinarja ta' dak li jkun. L-ikla t-tajba!

**<u>IL-METRIKA</u>**

Din hija poeżija magħmula minn ħames kwartini (ta' erba' versi) u kull vers huwa Tas-sebgħa (sillabi). Ir-rima hija ***abċb*** fejn it-tieni vers jirrima mar-raba'.



